

PROCĊDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni
(Każ COMP/M.5796 – Eni/Mobil Oil Austria)
(Test b'relevanza għaż-ŻEE)
(2010/C 110/06)

1. Fl-20 ta' April 2010 il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' proposta għal konċentrazzjoni skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾ li permezz tagħha l-impriża Agip Austria GmbH ("Agip Austria", l-Awstrija) li hija kompletament ikkontrollata minn Eni S.p.A. ("ENI", l-Italja) takkwista skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll sħiħ ta' Mobil Oil Austria GmbH ("Mobil Oil Austria", l-Awstrija), li hija kollha kemm hi proprjetà ta' ExxonMobil Central Europe Holding GmbH ("EMCEH", il-Ġermanja), permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- għal ENI: esplorazzjoni u produzzjoni ta' gass naturali, forniment ta' gass naturali, trażmissjoni, ħażna, distribuzzjoni u kummerċ, esplorazzjoni u produzzjoni taż-żejt,
- għal Mobil Oil Austria: kummerċjalizzazzjoni, forniment u distribuzzjoni ta' prodotti taż-żejt raffinat.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. Madanakollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtu kwalunkwe kumment li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.5796 – Eni/Mobil Oil Austria, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
J-70
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

(1) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet").